**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta` Jannar 2024**

**Rikors Numru 32/2023**

**Alan Muscat**

**Vs**

**Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ippreżentat minn **Alan Muscat** datat 8 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi l-intimata Transport Malta permezz ta' ittra datata 20 ta' Jannar 2023 infurmat lil rikorrenti li l-Awtorita' beħsieba tirrifjuta l-applikazzjoni tal-klijent għal permess ta' xuffier (tag) minħabba r-reputazzjoni u kondotta mhux tajba tiegħu u dan b'referenza għas-sentenza li ngħata fit-3 ta' Lulju 2019;*

2. *Illi r-rikorrenti kien ġie mogħti l-opportunita sabiex iressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu bil-miktub għalfejn l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġġedded;*

3. *Illi nonostante li r-rikorrenti kien ressaq ir-rappreżentazzjonijet tiegħu, permezz ta' ittra oħra din id-darba datata 9 ta' Frar 2023, huwa ġie infurmat li huwa ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' kondotta u reputazzjoni tajba kif stabbiliti fil-Leġislazzjoni Sussidjara 499.68 u dan in vista tas-sentenza fuq ċitata;*

4. *Illi r-rikorrenti ġie infurmat li huwa seta' jintavola appell quddiem dan it-Tribunal fiż-żmien tlettin jum minn notifika ta' l-istess ittra;*

5. *Illi l-rikorrenti ħassu aggravat b'dan ir-rifjut u għalhekk umilment qiegħed iressaq dan l-umli appell;*

6. *Illi fil-fatti ta dan il-każ huma sempliċi ħafna;*

7. *Illi r-rikorrenti ilu jaħdem bħala xuffier għal aktar minn ħmistax-il sena. Illum huwa ukoll impjegat ma John Micallef. Il-permess ta' xuffier tiegħu (tag) ilha għandu għal dawn l-aħħar għaxar snin. It-tag tiegħu kienet se tiskadi fid-9 ta' Jannar 2023 u għalhekk huwa applika għal tiġdid. Jidher li dan it-tiġdid ġie rifjutat peress li l-appellant fit-3 ta' Lulju 2019 instab ħati ta' traffikar ta' droga ta' każ li jmur lura għas-sena 2010;*

8. *Illi l-aggravju f'dan il-każ huwa sempliċi;*

9. *Illi l-applikazzjoni għar-rinovazzjoni tat-tag tidher li ġiet rifjutata għax skond l-intimata Transport Malta, r-rikorrenti ma ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' kondotta u reputazzjoni tajba kif stabbiliti fil-Leġislazzjoni Sussidjara 499.68 u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata fit-3 ta' Lulju 2019;*

10. *Illi r-regolament 39(2) ta' din il-Liġi Sussidjara jgħid:*

    *(1) Min japplika għal permess ta 'xufier għandu, qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni, jissodisfa lill-Awtorità li hu:*

    *(a) liċenzjat kif imiss skont ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta ' Vetturi bil-Mutur; u*

    *(b) ċertifikat li jinsab fi stat tajjeb ta 'saħħa biex isuq; u*

    *(ċ) għandu l-ħiliet meħtieġa biex jaġixxi bħala xufier skont ir-regolament 40; u*

    *(d) għandu reputazzjoni u kondotta tajba.*

    *(2) Xufier għandu jissodisfa dawn il-kondizzjonijiet f'kull żmien waqt li l-permess ta 'xufier ikun għadu validu.*

11. *Illi rigward ir-reputazzjoni u kondotta tajba l-artikolu 41 jgħid:*

    *Ir-regolament 9 għandu japplika mutatis mutandis għall- iskop li jiġi determinat jekk persuna li tapplika għal permess ta 'xufier hijiex ta ' reputazzjoni u kondotta tajba:*

12. *Illi r-regolament 9 jistabilixxi l-kriterji ta' meta perusna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba;*

13. *Illi rigward it-tiġdid tal-liċenzja, r-regolament 42 jgħid:*

    *L-applikazzjoni għall-għoti ta 'permess ta 'xufier għandha ssir lill-Awtorità fil-forma stipulata mill-istess Awtorità u għandu jkun fiha d-dettalji li titlob l-Awtorità u għandha tiġi sottomessa flimkien ma':*

    *(a) ċertifikat maħruġ mill-Pulizija li juri r-reati kriminali imsemmija fir-regolament 9 li għalihom l-applikant seta 'ngħata sentenza kif ukoll il-piena marbuta magħhom:*

*………*

14. *Illi l-artikolu 44 jgħid li sabiex ikun hemm tiġdid:*

    *Iżda fi żmien tliet (3) xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-imsemmi permess ta ’ xufier u tag ta ’xufier, u wara, id-detentur tagħhom għandu jkun obbligat li jissottometti applikazzjoni għat- tiġdid tagħhom mal-Awtorità b’dak il-mod u soġġett għal dak il-ħlas li tista ’tippreskrivi l-Awtorità flimkien ma’:*

    *(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija; u*

    *(b) dikjarazzjoni minnu ffirmata li tikkonferma li huwa għadu jissodisfa r-rekwiżit ta ’reputazzjoni u kondotta tajba u li mid-data li fiha nħareġ l-aħħar ċertifikat imsemmi fir-regolament 42(a) huwa ma ġiex misjub ħati ta ’xi reat bi ksur tad- dispożizzjonijiet tar-regolamenti 9 u 41.*

15. *Illi Ir-regolament 45(3) imbagħad jgħid li:*

    *Il-permess ta ’xufier għandu jiġi revokat meta d-detentur ma jissodisfax aktar il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 39(1):*

    *Iżda meta l-persuna ma titqiesx li għandha reputazzjoni u kondotta tajba minħabba fil-fatt biss li tkun ingħatat piena ta ’priġunerija ta ’aktar minn xahar (1) iżda inqas minn sena (1) għal reat jew reati li tkun wettqet minbarra reat marbut ma ’vjolenza fuq persuna oħra, il-permess ta ’xufier ma għandux jiġi revokat iżda għandu jiġi sospiż għall-perjodi ta ’żmien imsemmija fir-regolament 9(1)(b).*

16. *Illi finalment r-regolament 9(1)(b) jgħid ‘għal dak il-perjodu ta ’żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta ’priġunerija ta ’mhux inqas minn xahar (1)’;*

17. *Illi għalhekk fid-dawl tar-regolamenti fuq ċitati, jidher biċ-ċar li fejn si tratta ta’ tiġdid ta’ liċenzja, l-awtorita ma tistax ma iġġedidx dik il-liċenja biss għax persuna ma tkunx għadha meqjusa ta’ kondotta jew reputazzjoni tajba;*

18. *Illi f’ċirkostanzi bħal dawn hija għanda fil-fatt il-poter li tissospendi dik il-liċenzja u mhux tirrifjuta it-tiġdid;*

19. *Illi fil-każ ta’ l-appellant il-perjodu ta’ sospenzjoni kellu jkun imbgħat biss ta’ ġurnata waħda stante li meta ngħata is-sentenza huwa ġie meħud il-ħabs u ġie irrilaxxat minnufih stante li l-kundanna kien diġa skontaha għexieren ta’ snin qabel meta kien taħt arrest preventiv;*

20. *Illi mingħajr preġudizzju għal dan, jekk l-ipoteżijiet misjuba taħt r-regolament 9 huwa komulattivi, l-appellant lanqas għandu jiġi meqjus li għandu kondotta u reputazzjoni ħażina għax instab ħati ta’ reat li l-perjodu li huwa skonta bħala piena ta’ priġunerija kien wieħed taħt ix-xahar priġunerija. Għalhekk huwa ma jikkwalifikax taħt ir-regolament 9(1)(b);*

21. *Illi tajjeb li jingħad ukoll li r-rikorrenti ma kienx misjub ħati ta’ offiża li seħħet fid-data li fiha nħareġ l-aħħar ċertifikat. Kif diġa intqal r-reat jmur lura għall-10 ta’ Frar 2010;*

22. *Bla preġudizzju ukoll, ma hux ġust li ma jkunx hemm tiġdid tal-permess tiegħu ta' xufier minħabba okkorrenza li ġrat aktar minn għaxar snin ilu. L-appellant fil-fatt ilu bil-permess ta' xufier għal aktar minn għaxar snin. Huwa impjega ukoll ma John Micallef u mingħajr dan it-tiġdid se jispiċċa dissokupat;*

23. *Illi l-appellant huwa konxju tal-fatt li huwa żbalja fis-sena 2010 u refa ir-responsabilita ta' dan l-iżball billi ikkopera bi sħiħ mal-pulizija u ammetta quddiem quddiem il-Qorti. Saħansitra l-appellant kien ibbenefika minn l-artikolu 29 u ngħata l-inqas piena li seta' jngħata fiċ-ċirkostanzi.*

24. *Illi l-appellant illum il-ġurnata huwa bniedem riformat, miżżewġ u għandu tifla x'jieħu ħsieb u qatt ma reġa xellef duffrejh mal-ġustizija. Fil-fatt il-kondotta tiegħu hija waħda nadifa.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrenti qiegħed umilment jitlob sabiex dan it-Tribunal iħassar id-deċisjoni ta Transport Malta fejn irrifjutat it-talba tar-rikorrenti għat-tiġdid tal- liċenzja ta' xuffier (tag) u fiċ-ċirkostanzi jagħti dawk il-provedimenti li dan it-Tribunal iħoss li ikunu opportuni inkluż l-ordni lil Transport Malta sabiex toħroġ iġġedded il-liċenzja ta' xuffier tar-rikorrenti.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fl-14 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Alan Muscat permezz tal-ittra tagħha datata 20 ta' Jannar, 2023 hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi u għalhekk għandha tiġi konfermata u r-rikors preżentat mir-rikorrent għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, u dan għar-raġunijiet li se jiġu hawn imtennija.*

2. *Illi, bis-sentenza mogħtija fot-3 ta' Lulju, 2019 (liema sentenza għaddiet in ġudikat), ir-rikorrent Alan Muscat ġie misjub ħati ta' traffikar ta' droga u assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga, li huwa wieħed mir-reati elenkati fir-Regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, liema regolament huwa applikabbli għall-permess ta' xufier a tenur ta' Regolament 41 tal-imsemmi L.S. 499.68.*

3. *Illi l-argument miġjub mir-rikorrent illi "l-Awtorita' ma tistax ma ġġeddidx dik il-liċenzja biss għax persuna ma tkunx għadha meqjusa ta' kondotta jew reputazzjoni tajba" assolutament ma jreġġix u huwa legalment bla bażi ta' xejn, kif naturalment lanqas ma jreġġi kwalsijasi argument korollarju miġjub mir-rikorrent illi huwa msejjes fuq l-argument fallaċi u bla bażi appena hawn fuq riprodott. Il-prinċipju huwa illi ma hemm l-ebda differenza fid-determinazzjoni jekk il-kriterju ta' kondotta u reptuazzjoni tajba huwiex sodisfatt o meno bejn min japplika għal tiġdid ta' liċenzja u min japplika għall-ewwel darba, kemm għaliex fir-realta' kull tiġdid fih innifsu jikkostitwixxi applikazzjoni ġdida għall-finijiet tal-liġi li tkun qed titqies bl-istess riga ta' applikazzjoni ġdida fil-punctum temporis meta tkun saret l-applikazzjoni (kemm jekk għal applikazzjoni u kemm jekk għal tiġdid) u kemm għaliex, kieku kellu jreġġi l-argument tar-rikorrent, tkun qed tinħoloq inġustizzja kbira illi żewġ persuni li jkunu wettqu l-istess reat li huwa elenkat*

*fil-lista ta' reati stabbilita fir-regolament 9 ta' L.S. 499.68, wieħed ikun jikkwalfika għal-liċenzja (dak li jkun qed iġedded) u l-ieħor, li jkun wettaq l-istess reat bġalu, ma jingħatax il-liċenzja għax ikun qed japplika għall-ewwel darba ! Dan l-argument assolutament ma jreġġix u ma jsib ebda konfort fil-liġi għar-raġunijiet kollha li se jiġu spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

4. *Illi, konsegwentement, id-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti hija deċiżjoni korretta u mogħtija in konformita' u b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi viġenti u għalhekk ma tistax u m'għandhiex tiġi revokata. Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal bl-ebda mod ma jista' jilqa' l-appell interpost għaliex dan jista' jsir biss billi tmur espressament kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi. Bid-dovut rispett din mhix kwistjoni li l-każ jiġi trattat b'aspett umanitarju iżda għandha neċessarjament tiġi applikata l-liġi.*

5. *Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrent appellant Alan Muscat għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Sema' t-trattazzjoni.

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 9 ta' Frar 2023 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorita' kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għal tiġdid ta' permess ta' xufier stante li ma jsodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba *ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi). Illi mill-istess deċiżjoni jirriżulta li r-raġuni wara dan ir-rifjut kienet sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fit-3 ta' Lulju 2019.

IlIi għal intendiment aħjar tar-raġuni mogħtija mill-Awtorita` intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 fl-intier tiegħu, liema artikolu jiddefinixxi l-istanzi li abbażi tagħhom persuna ma titqiesx ta' reputazzjoni u kondotta tajba, u ċioe`:

*9. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ,*

*205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*ii. fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;*

*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;*

*(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e), (f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;*

*(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1);*

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*

*(i) tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn (2);*

*(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2):Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).*

*(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew(d sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin.*

(*ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew*

*(d) sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin*

Illi t-Tribunal jifhem illi l-leġislatur elenka ċerti reati f'Regolament 9 (1) (a) sabiex jikkawtela l-interessi tal-pubbliku in ġenerali stante li xufier li jiġi mogħti l-liċenzja in kwistjoni jista' jkun fdat bit-trasport ta' nies vulnerabbli bħalma huma tfal u anzjani.

**Ikkunsidra:**

**Ir-rikorrent** xehed illi fis-sena 2010 għamel żball u minkejja li ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel okkażjoni li kellu, il-proċeduri kriminali ġew fi tmiemhom fl-2019. Spjega li hu ilu jaħdem bit-taxi għal ħafna snin u mill-2018 'l hawn kien jaħdem ma' ċertu John Micallef, li pero` wara li ma ġġedditx it-tag waqqfu mill-impjieg. Spjega li l-kondotta tiegħu hija nadifa, tant li lanqas is-sentenza tal-2019 ma tidher fuqha.

**John Micallef** xehed illi huwa għandu vettura taxi li għal dawn l-aħħar ħames snin kienet tintuża mir-rikorrent. Hu spjega li qatt ma kellu problemi miegħu pero` peress li t-*tag* tiegħu ma ġietx imġedda, huwa kellu jissospendilu l-impjieg.

**Brian Farrugia,** Direttur mal-Awtorita` intimata, xehed illi t-*tag* in kwistjoni ma ġietx imġedda abbażi ta' sentenza tal-2019, li permezz tagħha r-rikorrent instab ħati ta' assoċjazzjoni għat-traffikar u bejgħ ta' cannabis u li dwarha ingħata xahrejn priġunerija. Huwa esebixxa wkoll l-applikazzjoni li ssottometta r-rikorrent. In kontro-eżami spjega li r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jrid jiġi sodisfatt kemm meta persuna tkun se tapplika għal *tag* l-ewwel darba u kemm meta persuna tkun qed tapplika biex iġġedded it-*tag.* Spjega li r-rekwiżit biex tiġi sottomessa l-fedina penali kien daħal fil-liġi fl-2018. Huwa rrikonoxxa l-fatt li r-rikorrent, fl-ittra li rċieva mingħand l-Awtorita` biex iġedded it-*tag,* ġie mitlub biss il-kondotta. Spjega li dawn l-ittri joħorġu minn sistema kompjuterizzata b'mod awtomatiku, pero` fl-aħħar mill-aħħar l-Awtorita` trid tara li kull applikant jissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi.

**Ikkunsidra:**

Illi fit-trattazzjoni tiegħu, id-difensur tar-rikorrent, saħaq illi filwaqt li jekk persuna tapplika għall-ewwel darba għal *tag,* din trid tippreżenta l-fedina penali, meta persuna tapplika biex iġġedded l-istess *tag* huwa suffiċjenti li tipprovdi l-kondotta u dan ai termini tal-artikolu 44 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68. Isostni li fl-agħar ipoteżi, l-Awtorita` setgħet tissospendi t-*tag* tar-rikorrent, pero` mhux tirrifjutalu t-tiġdid.

Min-naħa l-oħra d-difensur tal-Awtorita` intimata rrileva li l-argumenti mressqa mir-rikorrent huma konfużjonali għaliex, b'dak li qiegħed jafferma, persuni li jwettqu l-istess reati jistgħu jiġu trattati potenzjalment differenti mill-Awtorita`, u ċioe` jekk persuna tkun għamlet reat li ma kienx jikkwalifikaha sabiex tottjeni t-*tag* pero` għadha ma applikatx għat-*tag,* allura din ma tingħatax l-istess *tag*, filwaqt li persuna oħra li għandha t-*tag*, u għamlet l-istess identiku reat, l-Awtorita` għandha ma tikkunsidraħx ai fini ta' reputazzjoni u kondotta tajba, u dan proprju għaliex l-istess reat sar meta l-persuna tkun diġa` fil-pussess tat-*tag*. L-istess difensur spjega x'kien il-ħsieb wara Regolament 44 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, u ċioe`, li peress li kien qed ikun hemm ħafna talbiet għal fedini penali da parti tal-Pulizija, sabiex l-Awtorita` tħaffef il-proċess amministrattiv, iddeċidiet li meta si tratta ta' tiġdid ta' liċenzja, l-applikant jista' jippreżenta biss il-kondotta b'dikjarazzjoni li mill-aħħar darba li nħarġitlu l-liċenzja, huwa ma ġiex misjub ħati ta' reat li jtellfu milli jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba.

Illi għall-aħjar intendiment ta' dawn l-argumenti, it-Tribunal se jiċċitta Regolament 44 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 li jgħid is-segwenti:-

*44.(1) L-Awtorità għandha, meta tagħti permess lil xufier skont dawn ir-regolamenti, tagħti lill-applikant li jgħaddi, wara li jsir il-ħlas preskritt fl-Ewwel Skeda, tag ta' xufier li turi li dik il-persuna ngħatat permess ta' xufier.*

*(2) Ebda persuna ma tista' ssuq vettura żgħira għall-ġarr tal-passiġġieri jekk il-liċenzja tas-sewqan tiegħu ma turix li huwa għandu permess ta' xufier.*

*(3) Il-permess tax-xufier u t-tag ta' xufier għandhom jibqgħu validi għall-perjodu ta' ħames (5) snin mid-data li fiha jingħata l-permess ta' xufier jew perjodu ieħor iqsar, speċifikat fuqhom mill-*Awtorità*, sakemm ma jkunux revokati jew sospiżi, u mhumiex trasferibbli:Iżda fi żmien tliet (3) xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-imsemmi permess ta' xufier u tag*

*ta' xufier, u wara, id-detentur tagħhom għandu jkun obbligat li jissottometti applikazzjoni għat-tiġdid tagħhom mal-Awtorità b'dak il-mod u soġġett għal dak il-ħlas li tista' tippreskrivi l-Awtorità flimkien ma':*

*(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija; u*
*(b) **dikjarazzjoni minnu ffirmata li tikkonferma li huwa għadu jissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba u li mid-data li fiha nħareġ l-aħħar ċertifikat imsemmi fir-regolament 42(a) huwa ma ġiex misjub ħati ta' xi reat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 9 u 41;**[1] u*
*(ċ) liċenzja tas-sewqan valida maħruġa mill-Awtorità jew mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.*

Illi għalhekk kwalunkwe argument imressaq mir-rikorrent illi kondotta nadifa hija biżżejjed biex l-Awtorita` intimata ġġedded it-*tag* ta' xufier ma jsibx sostenn fil-liġi. Illi t-Tribunal josserva illi dan ir-rikorrent kien jafu għaliex fuq l-applikazzjoni li huwa ssottometta huwa ffirma s-segwenti dikjarazzjoni, u ċioe`:

*Jiena hawn taħt iffirmat, niddikjara illi mid-data illi fiha l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ħarġitli l-imsemmi permess ta' xufier (tag), jien ma ġejtx misjub ħati ta' ebda reat b'sentenza definittiva mogħtija mill-Qrati ta' Malta (jew sentenza definittiva ekwivalenti mogħtija minn xi qorti estera) li b'riżultat tagħha jien m'għadnix nissodisfa r-rekwisiti ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif stabbilit skont il-liġi.*

Illi mill-applikazzjoni sottomessa a fol. 59 jirriżulta illi r-rikorrent iffirma din id-dikjarazzjoni fl-4 ta' Jannar 2023 meta kien ben konxju tas-sentenza fil-konfront tiegħu tal-2019.

Illi minn ħarsa lejn l-istess sentenza esebita a fol. 8 *et sequitur* jirriżulta li r-rikorrent instab ħati ta' numru ta' reati relatati ma' assoċjazzjoni ta' persuni biex tinbiegħ jew tiġi traffikata r-raża tal-pjanta Cannabis. Illi meta l-Qorti ġiet biex tgħaddi għas-sentenza, hija kkwotat is-segwenti artikoli tal-Liġi, u ċioe`:

> *Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,*
> *Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u*
> *Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta,*

[1] Enfasi tat-Tribunal

Illi għalhekk jirriżulta illi r-rikorrent instab proprju ħati ta' reat imsemmi f'Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, u ċioe` dak ai termini tal-artikolu 8 (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-istess Regolament ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Awtorita` intimata meta tiġi biex tiproċessa applikazzjoni għall-għoti jew tiġdid ta' *tag* ta' xufier jekk jirriżultalha li l-applikant wettaq xi wieħed mir-reati hemm indikati. Lanqas dan it-Tribunal ma għandu xi diskrezzjoni speċjali jew addizzjonali fir-rigward. Il-liġi tagħmilha tassattiva fuq l-Awtorita` intimata li meta tirriskontra applikant li wettaq xi wieħed mir-reati elenkati fir-Regolament 9 trid neċessarjament tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu mingħajr ma tidħol biex teżamina kwalunkwe ċirkostanza oħra.

Illi fil-waqt li t-Tribunal jifhem li r-reati mwettqa mir-rikorrent, ġew hekk imwettqa snin ilu u li hu ma kellu ebda problemi oħra ta' natura kriminali, min-naħa l-oħra l-istess Tribunal m'għandu ebda triq oħra ħlief li japplika l-liġi b'mod oġġettiv u b'mod uniformi. Fid-deċiżjonijiet tiegħu it-Tribunal m'għandux xi diskrezzjoni li jagħmel xi apprezzament tas-sitwazzjoni jew iċ-ċirkostanzi tal-persuna li jkollu quddiemu, anke jekk jifhem, mil-lat uman, li persuna tħossha aggravata li wara li tkun ħallset ta' għemilha, hija tibqa' tiġi mċaħħda minn ċerti drittijiet għal għomorha.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Awtorita` intimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li timxi mal-liġi u tiċħad it-tiġdid tal-permess ta' xufier li għalih applika r-rikorrent. Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx illi l-istess deċiżjoni hija waħda fattwalment jew legalment ħażina.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

---

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**